# AGM 27 ta' Frar 2011

Is-Segretarju irceva dawn in-nomimazjonijiet issekondati:

1. 9h1zz
2. 9h1jt
3. 9h1tm
4. 9h1ei
5. 9h1m
6. 9h1ps
7. 9h1at
8. 9h1es
9. 9h1pi
10. 9h1av
11. 9h1aj
12. 9h1sf
13. 9h1xe
14. 9h1lo

Is-Segretarju irceva 38 proposti ghal emenda ta' l-istatut:

**1) imresqa minn 9h1av u ssekondata mil-kumitat b'mod unanimu.**

2.0.0 GĦANIJIET TAL-M.A.R.L:

Il-M.A.R.L. għandha dawn l-għanijiet:

(a) Tiġbor fiha nies bil-għan li tkattar l-interess fl-Amateur Radio, u fid-diversi aspetti ta' l-elettronika.

**Issir**

(a) Tiġbor fiha nies bil-għan li tkattar l-interess **fis-Servizz tad-Dilettanti tar-Radju** u **fil-fergħat differenti tiegħu.**

**2) imresqa minn 9h1av u ssekondata mil-kumitat b'mod unanimu.**

2.0.0(b) Tagħti pariri u tiddiskuti ma' l-awtoritajiet, suġġetti konnessi ma' l-Amateur Radio u l-elettronika.

**Issir**

2.0.0(b) Tagħti pariri u **titħadded** ma' l-awtoritajiet, suġġetti **li għandhom x'jaqsmu mas-Servizz tad-Dilettanti tar-Radju.**

**3) imresqa minn 9h1av u ssekondata mil-kumitat b'mod unanimu.**

2.0.0 (d) Tikkorrispondi u tibdel ideat u fehmiet ma' membri u ma' għaqdiet oħra lokali u / jew

barranin li għandhom l-istess ideali bħal dawk espressi f'dan l-istatut.

**Issir**

2.0.0(d) Tikkorrispondi u tibdel ideat u fehmiet ma' membri u ma' għaqdiet oħra **Maltin kif ukoll** barranin li għandhom l-istess ideali bħal dawk **misjuba** f'dan l-istatut.

**4) imresqa minn 9h1av u ssekondata mil-kumitat b'mod unanimu.**

2.0.0(f) Biex tipprovdi faċilitajiet għal dawk li ma jkunux membri tal-M.A.R.L. iżda li jkunu jixtieqn jirċievu u jibagħtu QSL cards fil-Buro tal-M.A.RL., sakemm jiġu osservati r-regolamenti speċifikati għal dan is-servizz.

**Issir**

2.0.0(f) Biex tipprovdi faċilitajiet għal dawk li ma jkunux membri tal-M.A.R.L. iżda li jkunu jixtieqn jirċievu u jibagħtu QSL cards fil-Buro tal-M.A.RL., sakemm jiġu **mħarsa** r-regolamenti speċifikati għal dan is-servizz.

**5) imresqa minn 9h1av u ssekondata mil-kumitat b'mod unanimu.**

**Tiżdied**

**2.0.0(i) Minħabba żviluppi teknoloġiċi, il-Kumitat minn żmien għal żmien għandu jara kif l-aħjar ikun jista' jikkomunika mal-membri, inkluż l-avviżi tal-laqgħat u kull xorta ta' avviżi oħra biex inaqqas l-ispejjeż tal-posta u spejjeż oħra.**

**6) imresqa minn 9h1av u ssekondata mil-kumitat b'mod unanimu.**

4.0.0 DAR ĊENTRALI:

**Issir**

**4.0.0 ĊENTRU TAL-MARL:**

**7) imresqa minn 9h1av u ssekondata mil-kumitat b'mod unanimu.**

4.0.1 Il-M.A.R.L. għandha bħala dar ċentrali, fil:

QASAM INDUSTRIJALI, NOTABI1LE ROAD, ATTARD.

**Issir**

4.0.1 Il-M.A.R.L. għandha bħala dar:

**IĊ-ĊENTRU TAL-MARL**

QASAM INDUSTRIJALI, **TRIQ** NOTABI1LE, **Ħ'ATTARD**.

**F'każ li jinbidel l-isem jew in-numru ta' dan il-post jew l-indirizz din il-klawsola tinbidel mingħajr il-ħtieġa ta' emenda għall-Istatut.**

**8) imresqa minn 9h1av u ssekondata mil-kumitat b'mod unanimu.**

5.0.0 SĦUBIJA:

5.0.1 Il-M.A.R.L. tħaddan fiha `1 dawk kollha interessati fl-Amateur Radio u f1- elettronika, sakemm il-membru jaċċetta l-klawsoli kollha ta' dan 1-istatut.

**Issir**

5.0.1 Il-M.A.R.L. tħaddan fiha **lil** dawk kollha interessati **fis-Servizz tad-Dilettanti tar-Radju**, sakemm il-membru jaċċetta l-klawsoli kollha ta' dan 1-istatut.

**9) imresqa minn 9h1av u ssekondata mil-kumitat b'mod unanimu.**

5.3.1 Kull membru għandu dritt juża 1-faċilitajiet kollha li tipprovdi 1-għaqda.

**Issir**

5.3.1 Kull membru għandu dritt juża 1-faċilitajiet kollha li tipprovdi 1-**Għaqda**.

**10) imresqa minn 9h1av u ssekondata mil-kumitat b'mod unanimu.**

5.3.2 Kull membru huwa suġġett għal-dawn id-dmirijiet:

(1) imġiba tajba u retta waqt 1-attivitajiet ta' l-għaqda.

(2) imġiba tajba fid-dar ċentrali ta' l-għaqda.

(3) attendenza regolari għall-attivitajiet tal-M.A.R.L.

(4) kura sħiħa tal-propjetà tal-M.A.R.L. u tal-propjetà ta' membri oħra.

(5) Li fid-dar tal-M.A.R.L. u waqt attivitajiet oħra organizzati minnha jew f'isimha ma jiġux disskussi suġġetti kontroversali, inkluża il-politika.

**Issir**

5.3.2 Kull membru huwa suġġett għal-dawn id-dmirijiet:

(1) **Imġiba** tajba u retta waqt 1-attivitajiet ta' l-**Għaqda**.

(2) **Imġiba** tajba **fiċ-Ċentru** ta' l-**Għaqda**.

(3) **Attendenza** regolari għall-attivitajiet tal-M.A.R.L.

(4) **Kura** sħiħa tal-propjetà tal-M.A.R.L. u tal-propjetà ta' membri oħra.

(5) Li fid-dar tal-M.A.R.L. u waqt attivitajiet oħra organizzati minnha jew f'isimha ma **jsirx kliem fuq** suġġetti kontroversali, inkluża il-politika.

**11) imresqa minn 9h1av u ssekondata mil-kumitat b'mod unanimu.**

6.1.0 Il-M.A.R.L. għandha tkun amministrata minn Kumitat kompost minn disa' (9) persuni:

President

Viċi President

Segretarju

Viċi Segretarju

Teżorier

Viċi Teżorier

Club Manager

żewġ (2) membri

Il-President, is-Segretarju u t-Teżorier għandhom ikunu bil-liċenzja tar- Radio Amateur, u mseħbin fil-M.A.R.L. għal mhux anqas minn sentejn (2) konsekutivi. Ħames membri oħra jridu jkunu membri bil-liċenzja ta' Radio Amateur.

**Issir**

6.1.0 Il-M.A.R.L. għandha tkun amministrata minn Kumitat **magħmul** minn disa' (9) persuni:

President

Viċi President

Segretarju

Viċi Segretarju

Teżorier

Viċi Teżorier

Club Manager

**Żewġ** (2) membri

Il-President, is-Segretarju u t-Teżorier għandhom ikunu bil-liċenzja **ta' Dilettant tar-Radju u jkunu ilhom imseħbin fil-M.A.R.L. għal mhux anqas minn sentejn (2) wara xulxin**. Ħames membri oħra jridu jkunu membri bil-liċenzja ta' **Dilettanti tar-Radju**.

**12) imresqa minn 9h1av u ssekondata mil-kumitat b'mod unanimu.**

6.2.1. DMIIRIJIET TAL-KUMITAT:

(1) Iżomm kuntatt dirett mad-Direttur tal-Wireless Telegraphy.

**Issir**

(1) Iżomm kuntatt dirett ma' **l-Awtoritajiet responsabbli mis-Servizz tad-Dilettanti tar-Radju.**

**13) imresqa minn 9h1av u ssekondata mil-kumitat b'mod unanimu.**

6,2,1(2) Iżomm kuntatt dirett mal-I.A.R.U. (region 1).

**Issir**

6,2,1(2) Iżomm kuntatt dirett mal-I.A.R.U. (**Reġjun** 1).

**14) imresqa minn 9h1av u ssekondata mil-kumitat b'mod unanimu.**

6.2.1. (3) Iżomm kuntatt dirett ma' soċjetajiet oħra kemm lokali u barranin. B'dawn il-kuntatti għandu jiġi mfittex l-interess tar-Radio Amateurs kollha ta' Malta.

**Issir**

6.2.1. (3) Iżomm kuntatt dirett ma' **Għaqdiet** oħra kemm **Maltin kif ukoll** barranin. B'dawn il-kuntatti għandu jiġi mfittex **l-aħjar interess tad-Dilettanti tar-Radju** kollha ta' Malta.

**15) imresqa minn 9h1av u ssekondata mil-kumitat b'mod unanimu.**

6.2.1. (6) joħroġ Awards.

**Issir**

6.2.1. (6) **Joħroġ Ċertifikati (**Awards.**)**.

**16) imresqa minn 9h1av u ssekondata mil-kumitat b'mod unanimu.**

6.2.1. (8) jaħtar QSL Manager, Awards Manager, u kull kariga oħra li tirrikjedi l-I.A.R.U., u kull ħaġa oħra li jkun hemm bżonn minn żmien għal żmien.

**Issir**

6.2.1. (8) Jaħtar QSL Manager, Awards Manager,, u kull kariga oħra li **teħtieġ** il-I.A.R.U., **kif ukoll** kull ħaġa oħra **li tkun meħtieġa** minn żmien għal żmien.

**17) imresqa minn 9h1av u ssekondata mil-kumitat b'mod unanimu.**

6.2.1. (9) jaħtar ĦF, VĦF u SĦF managers skond il-kapaċità teknika, ħeġġa w impenn tagħhom fil-kariga li jinħattru fiha.

**Issir**

6.2.1. (9) **J**aħtar ĦF, VĦF u SĦF managers skond il-**ħila** teknika, ħeġġa w impenn tagħhom fil-kariga li **jinħatru** fiha.

**18) imresqa minn 9h1av u ssekondata mil-kumitat b'mod unanimu.**

**Tiżdied**

**6.2.1. (10) Il-Kumitat jista' jaħtar sotto-kumitati għal għanijiet li jidhirlu meħtieġa biex imexxu 'l quddiem l-Għaqda u l-għanijiet tagħha. Dawn is-sotto kumitati jistgħu jkun fihom membri ta' l-Għaqda li ma jkunux membri tal-Kumitat.**

**19) imresqa minn 9h1av u ssekondata mil-kumitat b'mod unanimu.**

6.2.2 Il-Kumitat għandu jiltaqa talanqas darba fix-xahar. Jekk xi membru ma jkunx presenti għal laqgħa tal-Kumitat għal tliet (3) seduti konsekuttivi, mingħajr ġustifikazzjoni, jkun meqjus li rriżenja mill-Kumitat.

**Issir**

6.2.2 Il-Kumitat għandu jiltaqa **mill-anqas** darba fix-xahar. Jekk xi membru ma jkunx presenti għal laqgħa tal-Kumitat għal tliet (3) **laqgħat wara xulxin** mingħajr ġustifikazzjoni, jkun meqjus li rriżenja mill-Kumitat.

**20) imresqa minn 9h1av u ssekondata mil-kumitat b'mod unanimu.**

6.2.5 Fil-każ li post ta' membru fil-Kumitat jisfa battal għandu jimla il-post dak li fl-aħħar elezzjoni jkun ġie 'runner up'. Jekk ma jkunx hemm min jimla dan il-post, il-kumitat jista' jaħtar membru permezz ta' 'co-option'.

**Issir**

6.2.5 Fil-każ li post ta' membru fil-Kumitat **jisfà** battal għandu jimla il-post dak li fl-aħħar elezzjoni jkun **ġab l-aktar voti minn dawk li ma telgħux**. Jekk ma jkunx hemm min jimla dan il-post, il-Kumitat jista' jaħtar membru permezz ta' **kopzjoni**.

**21) imresqa minn 9h1av u ssekondata mil-kumitat b'mod unanimu.**

6.2.6 Jekk ma jkunx hemm biżżejjed membri li joħorgu għall-elezzjoni, il-Kumitat li jkun tela' jista jgħamel 'co-option', ta' membru biex jifforma il-Kumitat.

**Issir**

6.2.6 Jekk ma jkunx hemm biżżejjed membri li joħorgu għall-elezzjoni, il-Kumitat li jkun tela' **jistà** jgħamel **kopzjoni** ta' membru biex jifforma il-Kumitat

**22) imresqa minn 9h1av u ssekondata mil-kumitat b'mod unanimu.**

6.3.3 It-Teżorier huwa responsabbli mill-ġbir u mir-records tal-ħlas tal-membri kif ukoll mill-finanzi kollha tal-Klabb. Huwa awtorizzat biex flimkien ma' persuna jew persuni oħra jżomm bank account, u jżomm f'idejh mhux aktar minn €350 biex jilħaq mall-ħtigijiet ta' l-Għaqda. Kull ħlas dirett ma jistax jaqbeż **is** €140. Fil każ ta' aktar irid il-permess tal-Kumitat.

**Issir**

6.3.3 It-Teżorier huwa responsabbli mill-ġbir u **ż-żamma bil-miktub** tal-ħlas tal-membri kif ukoll mill-finanzi kollha **ta' l-Għaqda**. Huwa awtorizzat biex flimkien ma' persuna jew persuni oħra u bl approvazjoni tal-kumitat iżomm **kontijiet fil-Bank**, u jżomm f'idejh mhux aktar minn **tliet mija u ħamsin Euro** €350 biex jilħaq **mal**-ħtigijiet ta' l-Għaqda. Kull ħlas dirett ma jistax jaqbeż **il-mija u erbgħin Euro** €140. Fil każ ta' aktar irid il-permess tal-Kumitat.

**23) imresqa minn 9h1av u ssekondata mil-kumitat b'mod unanimu.**

6.3.4 Il-Club Manager huwa responsabbli biex iżomm inventarju tal-propjeta' tal-M.A.R.L. u jieħu ħsieb ma sotto kumitat il-manutenzjoni u kull ħaġa oħra li tirrekjedi id-dar ċentrali.

**Issir**

6.3.4 Il-Club Manager huwa responsabbli biex iżomm inventarju tal-propjeta' tal-M.A.R.L. u jieħu ħsieb **flimkien ma' sotto-kumitat** il-manutenzjoni u kull ħaġa oħra li **jkun jeħtieġ iċ-Ċentru.**

**24) imresqa minn 9h1av u ssekondata mil-kumitat b'mod unanimu.**

6.3.6 L-ĦF, il-VĦF, u l-SĦF managers għandhom iħejju programm ta' attivitajiet fil-bidu tas-sena u jagħtu rendikont tal-ħidmiet tagħhom f'kull AGM.

**Issir**

6.3.6 -ĦF, il-VĦF, u l-SĦF managers għandhom iħejju programm ta' attivitajiet fil-bidu tas-sena u jagħtu rendikont tal-ħidmiet tagħhom f'kull **Laqgħa Ġenerali Annwali**.

**25) imresqa minn 9h1av u ssekondata mil-kumitat b'mod unanimu.**

6.4.0 Il-Kumitat għandu minn żmien għal żmien juri r-rikonixximent lejn individwu jew individwi li jkun jew jkunu taw kontribut siewi għall-avvanz tal-Amateur Radio.

**Issir**

6.4.0 Il-Kumitat għandu minn żmien għal żmien juri **l-għarfien ta' l-Għaqda** lejn individwu jew individwi li jkun jew ikunu taw kontribut siewi għall-avvanz **tas-Servizz tad-Dilettanti tar-Radju.**

**26) imresqa minn 9h1av u ssekondata mil-kumitat b'mod unanimu.**

6.5.1 Kull laqgħa ġenerali għandha tiġi notifikata lill-membri talanqas 21 ġurnata qabel, permezz ta' ċirkulari li fiha għandha titħabbar id-data, il-post u l-ħin li fihom tkun ser issir il-laqgħa.

**Issir**

6.5.1 Kull **Laqgħa Ġenerali** għandha tiġi **mgħarrfa** lill-membri **mill-anqas** wieħed u għoxrin (21) **jum** qabel, permezz ta' ċirkulari li fiha għandha titħabbar id-data, il-post u l-ħin li fihom tkun sejra issir il-laqgħa.

**27) imresqa minn 9h1av u ssekondata mil-kumitat b'mod unanimu.**

6.5.3 Is-Segretarju għandu jagħti żmien lill-membri sa meta' jistgħu jwasslulu mozzjonijiet għad-diskussjoni matul il-laqgħa ġenerali. Dawn għandhom jiġu diskussi u jistgħu jiġu approvati mill-Kumitat. Il-Kumitat ma għandhux dritt jimblokka xi mozzjoni milli tasal quddiem il-laqgħa ġenerali għad-diskussjoni, sakemm dik il-mozzjoni ma tkunx tmur kontra dan l-istatut. F'kas bħal dan is-Segretarju għandu jagħti tagħrif fil-laqgħa ġenerali dwar dik il mozzjoni. Tista' fil-waqt dedikat għall-membri matul il-laqgħa ġenerali, issir diskussjoni fuq mozzjoni hekk blokkata.

**Issir**

6.5.3 Is-Segretarju għandu jagħti żmien lill-membri sa meta' jistgħu jwasslulu mozzjonijiet għad-diskussjoni matul il-**Laqgħa Ġenerali**. Dawn għandhom jiġu **mgħarbla** u jistgħu jiġu **maqbula** mill-Kumitat. Il-Kumitat ma għandhux dritt **iwaqqaf** xi mozzjoni milli tasal quddiem il-**Laqgħa Ġenerali** għad-diskussjoni, sakemm dik il-mozzjoni ma tkunx tmur kontra dan l-istatut. F'kas bħal dan is-Segretarju għandu jagħti tagħrif fil-**Laqgħa Ġenerali** dwar dik il-mozzjoni. Tista' fil-waqt dedikat għall-membri matul il-**Laqgħa Ġenerali**, issir diskussjoni fuq mozzjoni hekk **imwaqqfa**.

**28) imresqa minn 9h1av u ssekondata mil-kumitat b'mod unanimu.**

6.5.4 L-aġenda tal-laqgħa ġenerali għandha tinkludi fost oħrajn:

Qari, diskussjoni u approvazzjoni tal-minuti

Qari, diskussjoni u approvazzjoni tar-rapport amministrattiv.

Qari, diskussjoni u approvazzjoni tar-rapport finanzjarju.

Ħatra ta' Awditur

Għandha tispeċifika illi jistgħu jieħdu sehem fid-diskussjoni u fil-votazzjoni dawk il-membri BISS li jkunu mħallsa sal-31 ta' Diċembru tas-sena ta'qabel, u li jkunu ġeddew is-sħubija tagħhom għas-sena l-ġdida sal-bidu tal-laqgħa.

**Issir**

6.5.4 L-**Aġenda tal-Laqgħa Ġenerali** għandha tinkludi fost oħrajn:

Qari, diskussjoni u approvazzjoni tal-**Minuti**

Qari, diskussjoni u approvazzjoni tar-**Rapport Amministrattiv**.

Qari, diskussjoni u approvazzjoni tar-**Rapport Finanzjarju**.

Ħatra ta' Awditur

Għandha tispeċifika illi jistgħu jieħdu sehem fid-diskussjoni u fil-votazzjoni dawk il-membri BISS li jkunu mħallsa sal-31 ta' Diċembru tas-sena ta'qabel, u li jkunu ġeddew is-sħubija tagħhom għas-sena l-ġdida sal-bidu tal-laqgħa.

**29) imresqa minn 9h1av u ssekondata mil-kumitat b'mod unanimu.**

6.6.4 Ir-riżultat ta' l-elezzjoni għandu joħroġ mhux aktar tard minn tlett ġimgħat (3) wara l-laqgħa ġenerali.

**Issir**

6.6.4 Ir-riżultat ta' l-elezzjoni għandu joħroġ mhux aktar tard minn tlett ġimgħat (3) wara l-**Laqgħa Ġenerali**.

**30) imresqa minn 9h1av u ssekondata mil-kumitat b'mod unanimu.**

6.7.1 F'każ ta' ħtieġa tista' tiġi msejħa laqgħa ġenerali straordinarja biex tiddiskuti il-qagħda li minħabba fiha laqgħa bħal dik tkun inħtiġet. Din tista' tissejjaħ:

**Issir**

6.7.1 F'każ ta' ħtieġa tista' tiġi msejħa **Laqgħa Ġenerali Straordinarja** biex **tagħrbel** il-qagħda li minħabba fiha laqgħa bħal dik tkun inħtiġet. Din tista' tissejjaħ:

**31) imresqa minn 9h1av u ssekondata mil-kumitat b'mod unanimu.**

7.2.1 Individwu membru tal-M.A.R.L. li jinstab ħati mill-istat li kiser jew naqas li josserva rregolamenti ta' 1-Amateur Radio, u li minħabba f'hekk tiġi rtirata lilu il-liċenzja ta' Radio Amateur, jew li jiġi interdett milli jkollu liċenzja ta' Radio Amateur, huwa wkoll, awtomatikament interdett milli jissieħeb fil-M.A.R.L. u għandu jiġi mkeċċi u interdett mis-sħubija, jekk ikun diġà membru. Jista jiġi mkeċċi wkoll kull membru li jkun ħati ta' ksur serju ta' dan l-istatut. Tkeċċija bħall din għandu jkollha appoġġ tal-maġġoranza tal-Kumitat, wara li l-membru jkun ingħata l-opportunita' li jiddefendi ruħu.

**Issir**

7.2.1 Individwu membru tal-M.A.R.L. li jinstab ħati mill-istat li kiser jew naqas li **jħares** ir-regolamenti **tas-Servizz tad-Dilettanti tar-Radju**, u li minħabba f'hekk tiġi rtirata lilu il-liċenzja ta' **Dilettant tar-Radju**, jew li jiġi interdett milli jkollu liċenzja ta' **Dilettant tar-Radju**, huwa wkoll awtomatikament

interdett milli jissieħeb fil-M.A.R.L. u għandu jiġi mkeċċi u interdett mis-sħubija jekk ikun diġà membru. Jista jiġi mkeċċi wkoll kull membru li jkun ħati ta' ksur serju ta' dan l-istatut. Tkeċċija **bħal** din għandu jkollha appoġġ tal-maġġoranza tal-Kumitat, wara li l-membru jkun ingħata l-opportunita' li jiddefendi ruħu.

**32) imresqa minn 9h1av u ssekondata mil-kumitat b'mod unanimu.**

8.1.0 Dan 1-istatut jista' jiġi emendat waqt laqgħa ġenerali jew straordinarja b'maġġoranza ta' żewġ terzi (2/3) tal-membri preżenti u regolarment imħallsa.

**Issir**

8.1.0 Dan 1-istatut jista' jiġi emendat waqt **Laqgħa Ġenerali** jew **Straordinarja** b'maġġoranza ta' żewġ terzi (2/3) tal-membri preżenti u regolarment imħallsa.

**33) imresqa minn 9h1av u ssekondata mil-kumitat b'mod unanimu.**

9.1.0 F'każ li l-M.A.R.L. ma tibqax tiffunzjona aktar, l-aħħar Segretarju, jew fl-assenza tiegħu. l-aħħar president, jew fin-nuqqas tiegħu l-aħħar Teżorier, jew fl-assenza ta'dawn kollha, żewġ membri ta' laħħar kumitat, jistgħu isejjħu laqgħa ġenerali straordinarja, fejn jinħatar chairperson dak il-ħin u tiġi diskussa il-qagħda tal-M.A.R.L.

**Issir**

9.1.0 F'każ li l-M.A.R.L. ma tibqax tiffunzjona aktar, l-aħħar Segretarju, jew fl-assenza tiegħu l-aħħar **President**, jew fin-nuqqas tiegħu l-aħħar Teżorier, jew fl-assenza ta'dawn kollha, żewġ membri ta' l-aħħar Kumitat, jistgħu isejjħu **Laqgħa Ġenerali Straordinarja**, fejn **tinħatar persuna biex tmexxi l-Laqgħa** dak il-ħin u tiġi **mgħarbla** il-qagħda tal-M.A.R.L.

**34) imresqa minn 9h1av u ssekondata mil-kumitat b'mod unanimu.**

9.3.0 Il-flus u propjeta' oħra li jista' jkun hemm f'dak iż-żmien għandhom jiġu disposti skond id-deċiżjoni b'maġġoranza sempliċi tal-membri preżenti fil-laqgħa straordinarja.

**Issir**

**9.3.0 Il-flus u propjetà oħra li jista' jkun hemm f'dak iż-żmien għandhom jingħataw lil xi Għaqda jew Għaqdiet oħra li ma jagħmlux qligħ fil-Gżejjer Maltin li jkunu fuq l-elenku uffiċjali ta' l-Organizzazzjonijiet Volontarji jew Filantropiċi liema Għaqda jew Għaqdiet ikollha jew ikollhom l-istess għanijiet tal-MARL jew lil Mużew Nazzjonali Pubbliku tar-Radju / Televiżjoni jekk ikun hemm wieħed skond id-deċiżjoni b'maġġoranza sempliċi tal-membri preżenti fil-Laqgħa Ġenerali Straordinarja.**

**35) imresqa minn 9h1av u ssekondata mil-kumitat b'mod unanimu.**

**Tiżdied**

**10.2 F'kull każ il-versjoni Maltija ta' l-Istatut hija l-versjoni unika, valida u li torbot u kull versjoni oħra f'kull ilsien ieħor hija sempliċiment biss bħala informazzjoni.**

**36) imresqa minn 9h1av u ssekondata mil-kumitat b'mod unanimu.**

**Tiżdied**

**10.3 F'dan l-Istatut kull kelma fil-maskil tfisser ukoll il-femminil, is-singular ifisser ukoll il-plural.**

**37) imresqa minn 9h1es u 9h1pi ssekondata minn 9h1av.**

**Tiżdied**

**4.1.1 Iċ-Ċentru tal-MARL jiftaħ nhar ta' Tlieta, il-Ħamis u l-Ħadd. Il-ħinijiet tal-ftuħ huma kif ġej:**

**Mill-1 ta' Mejju April sa' l-aħħar ta' Settembru**

**It-Tlieta u l-Ħamis bejn is-sitta (18:00) u d-disa' (21:00) ta' filgħaxija.**

**Mill-aħħar ta' Settembru sa' l-aħħar ta' April**

**It-Tlieta u l-Ħamis bejn is-sitta (18:00) u t-tmienja (20:00) ta' filgħaxija.**

**Il-Ħadd bejn l-għaxra (10:00) u nofsinhar (12:00)**

**Fil-festi pubbliċi, jiem nazzjonali u festi liturġiċi bħal ma huma l-jiem ta' Ħamis ix-Xirka, tal-Ġimgħa l-Kbira, il-Milied u festi liturġiċi oħra iċ-Ċentru ma jiftaħx.**

**38) imresqa minn 9h1es u 9h1pi ssekondata minn 9h1av.**

**Tiżdied**

**4.1.2 Biex iċ-Ċentru jkun jista' jinfetaħ f'xi jiem oħra, jew jinbidel il-ħin għal raġunijiet validi, bħala eżempju manutenzjoni jew xi attività uffiċjali organizzata mill-MARL, jeħtieġ l-approvazzjoni tal-Kumitat. F'kull każ irid ikun hemm preżenti mill-inqas wieħed mill-membri tal-Kumitat. Attivitajiet bħal dawn għandhom jiġu mgħarrfa lill-membri minn qabel.**